MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 80/2012

**Commercial Services Bureau Limited**

**vs**

**Dr Mark Mifsud Cutajar noe bhala Kuratur Deputat tal-kumpannija Lexington Services Limited**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-1 ta' Marzu 2012 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut noe ihallas s-somma ta' ghaxar t'elef, erbgha mija u erbgha u tmenin Ewro, disgha u sebghin centezmu (€10,484.79) rappresentanti servizzi illi s-socjeta attrici offriet lis-socjeta konvenuta kif indikat fl-avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat li huwa ingunt in subizzjoni .

Rat ir-risposta tal-Kuratur Deputat ipprezentata fit-13 ta' Marzu 2012 fejn iddikjara li ma huwiex edott mill-fatti.

Rat ix-xhieda ta' Ella Sultana Loporto moghtija fl-4 ta' Gunju 2012 fejn ikkonfermat illi l-ammont huwa dovut.

Rat illi fit-22 ta' Ottubru 2012 l-konvenut noe ma ipprezenta ebda provi u ghalhekk il-kaz gie differit ghas-sentenza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet il-provi li l-ammont ghadu dovut sallum..

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba attrici billi tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas is-somma ta' ghaxar t'elef, erbgha mija u erbgha u tmenin Ewro, disgha u sebghin centezmu (€10,484.79) rapprezentanti servizzi illi s-socjeta attrici offriet lis-socjeta konvenuta kif indikat fl-avviz bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------